# Naħdmu u nwieżnu l-vokazzjonijiet ġodda

**Dun Anton Teuma**
**24.5.2017**
**Kapitlu Provinċjali 2017**

Introduzzjoni

Il-vokazzjoni għall-ħajja reliġjuża hija fatt psiko-soċjali-soprannaturali. Fi kliem ieħor, hija djalogu bejn il-bniedem li jgħix fid-dinja u Alla. Is-sejħa ta' Alla tidher u tinħadem fir-realtá umana u psikoloġika u soċjali tal-imsejjaħ. Minħabba f'hekk hi possibli l-pastorali vokazzjonali kif ukoll il-formazzjoni.

1. In-natura tal-vokazzjoni

Id-Digriet tal-konċilju *Perfectae Caritatis* u l-Eżortazzjoni Apostolika ta' Ġwanni Pawlu II, *Vita Consecrata* (1996) jsemmu d-diversi komponenti tas-sejħa għall-ħajja reliġjuża: is-sejħa ta' Alla, ir-risposta tal-bniedem, il-familja, il-kultura u s-soċjetá li fiha ngħixu, il-kariżma tal-istitut, il-medjazzjoni tal-knisja.

Il-vokazzjoni hi fuq kollox **sejħa ta' Alla**. Alla jaġixxi għall-ġid tal-individwu u tal-poplu tiegħu. Alla jirregala l-kwalitajiet neċessarji tal-vokazzjoni lill-individwu u jqanqallu l-volontá libertá tiegħu biex jikkollabora mal-grazzja. Dan kollu jagħmel parti mill-att tal-ħolqien.

Mela l-vokazzjoni mhix sejħa magħmula minn Alla lil xi ħadd li fih Alla jiskopri l-kwalitajiet neċessarji; imma hi **l-istess sejħa ta' Alla li toħloq fl-imsejjaħ dawn il-kwalitajiet u l-attitudnijiet**. Hija l-azzjoni tal-Ispirtu Santu li tqanqal lill-bniedem biex jidħol fi djalogu ma' Alla, u bl-għajnuna tal-Ispirtu Santu dan id-djalogu jista' jevolvi fl-intenzjoni soprannaturali tal-imsejjaħ li jingħata għall-qadi ta' Alla u tal-Knisja. Din l-intenzjoni awtentika u libera tal-bniedem, li hija wkoll opra ta' Alla, hija sinjal evidenti tas-sejħa divina.

Fil-providenza tiegħu, **Alla għażel li jgħin lill-imsejjaħ**, jiddixxerni, jikxef, jifforma u jimmatura r-risposta tiegħu **fil-Knisja**. Il-Knisja takkumpanja liż-żgħażugħ fil-mixja tal-vokazzjoni tiegħu. L-iskop ta' dan l-akkumpanjament ikun

li ż-żgħażugħ jagħraf x'jixtieq il-Mulej minnu u jasal li jagħmel dak li jixtieq il-Mulej minnu bil-ħeġġa kollha ta' qalbu.

Il-vokazzjoni bilfors trid tkun **marbuta man-natura libera tal-bniedem**. Għalhekk bilfors trid tkun mhux biss sejħa, imma risposta libera. *In un certo momento della vita, illuminato dalla prudenza, il soggetto sceglie il modo di impostare la propria vita. Viste le circostanze, considerate le qualità, conosciuti e desiderati gli obiettivi, uno decide di consacrarsi. Quando la decisione è presa nella libertà e per motivi validi, quella è volontà di Dio.* (G.DHO, "La pastorale delle vocazioni nello spirito"..., p.28).

**L-iskop tal-ħidma u tal-formazzjoni għall-vokazzjonijiet** huwa li ż-żgħażugħ jagħraf x'inhi x-xewqa ta' Alla għalih fil-Knisja u fis-soċjetá. Alla żgur li jibqa' jsejjaħ nies biex ikunu xhieda tiegħu fil-Knisja u fis-soċjetá, skont il-kariżma ta' Franġisku l-fqajjar ta' Assisi. Il-kariżmi li jagħti Alla lill-magħżulin tiegħu huma divini u għaldaqstant eterni. Hu xogħol ta' dawk li huma msejħin jgħixu l-kariżma biex permezz tal-kariżmu jirrispondu mhux biss għas-sejħa ta' Alla fil-Kelma jew fil-Knisja imma wkoll għas-sejħat ta' Alla fid-dinja, fis-seklu, saħansitra permezz tad-dnub. Hekk il-kariżmi jibqgħu dejjem ħajjin, attwali u rilevanti.

Mela, l-ewwel u qabel kollox trid tkun **ħidma favur iż-żgħażugħ** u mhux favur l-ħajja reliġjuża. Ħidma mingħajr tensjoni, ansjetá jew biza' li mhux ser ikollna aktar vokazzjonijiet.

Ħidma u formazzjoni **b'rispett kbir lejn l-opra ta' Alla** fil-qalb tal-bniedem imsejjaħ fi ħdan il-komunitá reliġjuża. Ħidma ħielsa minn kull tip ta' propaganda, reklutament, proselitiżmu jew konkorrenza. Hi ħidma li l-iskop tagħha mhux li tikkonvinċi imma li torjenta.

B'dan il-mod il-ħidma għall-vokazzjonijiet u l-formazzjoni tal-vokazzjonijiet **hija dejjem suċċess fil-knisja**. Li wieħed jagħraf li l-Mulej qiegħed isejjaħlu għall-ħajja miżżewġa, jew għall-ħajja sekulari, wara mixja ta' formazzjoni u dixxerniment, mhux falliment anzi huwa suċċess vokazzjonali. "*Kulħadd jaħdem għall-kulħadd u kulħadd jaħdem għall-Knisja kollha*."

F'dan is-sens, il-mezzi l-aktar importanti li jgħinu liż-żgħażagħ li jinsabu f'mixja ta' dixxerniment huma t-talb, ir-riflessjoni dwar il-Kelma, iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija u tar-Rikonċiljazzjoni, il-formazzjoni fil-kariżma franġiskan, id-

direzzjoni spiritwali; flimkien mal-għajnuna psiko-pedagoġika u l-esperjenza tal-komunjoni fil-familja reliġjuża.

## 2. Iż-żgħażugħ ta' llum

### a. Id-dinja li qed ngħixu fiha:

**Il-mudell ekonomiku**: Jekk sa ftit ilu, il-bniedem ideali kien dak li jistudja u jkollu karriera u jimxi 'l quddiem fis-soċjetá, nistgħu ngħidu li llum il-bniedem ideali hu dak li għandu ħafna flus, indipendentement minn kif iġibhom. Iż-żgħażagħ tagħna huma frott din il-mentalitá. Ukoll wieħed irid jerġa jifhem id-don tal-faqar fil-kuntest ta' din il-mentalitá. Minn naħa l-oħra, kull żgħażugħ, jekk irid, għandu l-opportunitá li jaħdem u li jkollu l-flus.

**Il-komunikazzjoni diġitali**: Relazzjoni simbolika karatterizzata mill-immedjatezza temporali imma wkoll mill-ambigwitá tar-relazzjonijiet. Relazzjonijiet fantastiċi, eċċitanti u kummerċjati – pubbliċiżżati, mibjugħa, ppruvati, aċċettati għall-ftit, mormija. Kemm tagħmel *unfriend.* Fl-istess waqt, iż-żagħżagħ tal-era diġitali għandhom ħafna kuntatti tant li l-popolaritá fuq il-web saret waħda mill-kriterji tan-normalitá taż-żgħażagħ.

**Ribelljoni għas-sens ta' sagrifiċċju**: Sa minn meta jkunu għadhom żgħar it-tfal u ż-żgħażagħ tagħna jiġu mpoġġija f'sitwazzjonijiet ta' tbatija, ħafna drabi li diffiċli jifhmu s-sens tagħha: tbatija minħabba l-istudju, tbatija minħabba sitwazzjonijiet diffiċli fil-familja. Spiss jiġri li mal-adolexxenza u ż-żgħożija jinħoloq spirtu ta' ribelljoni u ta' stmerrija għal dak kollu li jġib miegħu t-tbatija u s-sagrifiċċju. Aktarx li mhix minna l-konvinzjoni li ż-żgħażagħ tagħna mhux kapaċi jbatu. Aktarx li aktar jikkorrispondi għar-realtá jekk ngħidu li ż-żgħażagħ tagħna qed jirribillaw għat-tbatija tagħhom stess u tad-dinja ta' madwarhom.

**Il-kriżi tal-valuri assoluti – kostruzzjoniżmu soċjali**: Qed ngħixu f'soċjetá li fiha l-veritá m'għadhiex meqjusa bħala oġġettiva. Il-veritá mhix għajr perspettiva individwali u parzjali. U għalhekk kulħadd għandu dritt għall-opinjoni tiegħu, fi kliem ieħor, għandu dritt jagħmel il-veritá tiegħu. L-insikurezza li tinħoloq minħabba r-relativiżmu toħloq ukoll fiż-żgħażagħ tip ta' disponibilitá li jitgħallmu u li jfittxu l-veritá.

**Is-sesswalizzazzjoni tar-relazzjonijiet**: Il-vojt li kulma jmur qed jikber fir-relazzjonijiet primitivi bejn il-ġenituri u l-ulied qiegħed joħloq dejjem aktar il-bżonn tal-intimitá sesswali prekoċi u simbolika li kulma jmur tiżvojta mis-sinifikat tagħha tal-imħabba u timtela bit-tifsiriet tal-pjaċir momentanju, ta' avventura ta' affermazzjoni tal-kapaċitajiet tal-persuna.

**b. L-identitá taż-żgħażagħ li jiġu għandna:**

Żgur li mhux la kemm tagħmel identikit wieħed taż-żagħżagħ ta' llum. Għalkemm spiss jixbħu ħafna lil xulxin, imma nistgħu ngħidu li fl-istess waqt huma differenti ħafna minn xulxin għax ġejjin minn esperjenzi differenti ta' familja, tfulija u żgħożija, u ta' knisja. Imma nistgħu ngħidu li hemm xi elementi li jistgħu jkunu komuni.

Ħafna miż-żgħażagħ li jfittxu, ikunu għamlu diversi esperjenzi tal-ħajja. Ħafna drabi jiġu għandna wara li diġá jkunu għamlu esperjenza ta' xogħol. Jista' jkun li kellhom il-flus f'idejhom, kemm li qalgħu huma jew li tahom ħaddieħorAktarx li diġa jkollhom xibka ta' relazzjonijiet permezz ta' facebook, chatting jew tipi oħra ta' social media. Jista jkun li jkunu diġá għamlu esperjenzi ta' relazzjonijiet anke sesswali. Spiss jiġu għandna f'mument ta' krizi jew konfużjoni eżistenzjali.

Żgħażagħ oħra jiġu għandna għax mhumiex parti mill-mainstream. Kellhom trobbija protettiva b'tali mod li meta bdew jikbru ħassewhom differenti mill-bqija ta' sħabhom hekk li ħassewhom aktar *save* fl-ambjent reliġjuż. Ma' dawn ikun hemm bżonn ħafna xogħol fejn jidħlu r-relazzjonijiet u d-doċilitá u l-flesisbilitá li jaċċettaw valuri differenti minn dawk li kibru fihom.

Żgħażagħ oħra jfittxu l-vokazzjoni propju frott tal-konfużjoni u tal-kriżi li jgħaddu minnha. Jagħmlu żmien relatativament twil ifittxu lilhom infushom u b'mod kważi maġiku jittamaw li jsibu sens għal ħajjithom fil-ħajja reliġjuża. Ma' dawn ikun hemm bżonn li jsir xogħol ta' formazzjoni tal-identitá personali fi ħdan il-komunitá.

Alla mhux biss għadu jsejjaħ f'din il-kultura u f'din is-soċjetá, imma għadu u jibqa jsejjaħ permezz ta' din il-kultura u permezz ta' din is-soċjetá. Imma dan kollu jpoġġihom f'sitwazzjoni ta' kumbattiment u inċertezza li jagħmlu l-vokazzjoni tagħhom aktar fraġli imma fl-istess waqt aktar prezzjuża u delikata.

**3. Atteġġjamenti neċessarji**

**Minn atteġġjament ta' nies li wasalna għal atteġġjament ta' nies li għadna mexjin**: Wara diversi snin ta' ħajja kkonsagrata faċli għalina li nħossuna ffurmati u lesti. In-nies ta' madwarna wkoll jattribwulna ċera awrea ta' spiritwalitá li mhux dejjem tgħinna nkomplu nikkonvertu. Anke l-istess vokazzjonijiet żgħażagħ, b'mod żballjat jikkonsidrawna bħala dawk li b'xi mod imxew triq twila u waslu. Minn naħa tagħna tkun ħaġa tajba jekk b'kull mod nagħrfu li aħna għadna mexjin, ma wasalniex, u baqagħlna ħafna triq x'nagħmlu.

Dan l-atteġġjament ipoġġina f'dik li ngħidulha ***not knowing position***. Minn atteġġjament ta' nies esperti ngħaddu għal atteġġjament ta' nies li ma nafux u li dejjem nitgħallmu.. Umiltá. Minn naħa, dan l-atteġġjament jgħinna nibqgħu nikbru fil-vokazzjoni u fl-identitá tagħna. Minn naħa l-oħra, jagħmilna aċċessibli għall-ġenerazzjoni żagħżugħa kif ukoll nitrażmettu liż-żgħażagħ il-messaġġ qawwi tal-konverżjoni u formazzjoni kontinwa. Ukoll, dan joħloq fina sens kbir ta' kurżitá. Kurżitá biex nibqgħu nitgħallmu dwarna nfusna, dwar il-vokazzjoni tagħna, dwar iż-żgħażagħ li jiġu għandna u dwar id-dinja ta' madwarna.

**Minn atteġġjament ġudikanti għal atteġġjament ta' inkoraġġament u akkompanjament**. Paċenzja kbira u sens ta' akkumpanjament. Irridu nagħmlu distinzjoni bejn dgħufija li tagħmel ħsara lill-ħajja kkonsagrata u lill-ħajja nisranija fiha nfisha, u dgħufija li sservi biex il-komunitá u l-persuna in kwistjoni jinbnew flimkien. Atteġġjament inkoraġġanti u ta' akkompanjament kapaċi jagħmel il-mirakli. Il-fiduċja tgħin persuna tinbidel u timxi 'l quddiem. Fl-istess waqt meta persuna timxi 'l quddiem, toħloq aktar fiduċja f'dawk ta' madwarha.

**Minn atteġġjament ta' attenzjoni għar-regoli u l-pjanijiet ta' formazzjoni għal atteġġjament ta' attenzjoni lejn il-persuna**. Jista jkun li l-pjan ta' formazzjoni, novizzjat, postulandat, studentat u voti temporanji, ordinazzjoni u/jew voti perpetwi ma jaħdimx għal kulħadd bl-istess mod. Għalhekk hemm bżonn li tasal il-konvinzjoni lill-istudenti tagħna kif ukoll lill-*formators*, li l-iskop tal-formazzjoni mhux it-tappi varji tal-mixja tal-pjan tal-formazzjoni imma l-konverżjoni tal-persuna.

## Konklużjoni

Li naħdmu u nwieżnu vokazzjonijiet ġodda hija l-ħidma pastorali l-aktar bażika ta' kull dixxiplu ta' Ġesú. Li taħdem u twieżen vokazzjonijiet ġodda jfisser li

tgħin lill-persuni, f'kull etá tagħhom, imma b'mod speċjali dawk li għadhom żgħar fl-etá, biex jibqgħu f'mixja ta' dixxerniment u ta' tfittix tar-rieda ta' Alla għalihom. Il-mistoqsija li trid tiġi kontinwament risposta u riveduta hi kif il-komunitajiet tagħna jistgħu isiru ambjent tassew adattat li jgħin lil dawn iż-żgħażagħ jibqgħu f'dan id-djalogu ta' sejħa u risposta ta' Alla.